KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 28.11.2008
KUMM(2008) 774 finali

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

fuq ir-Rapport dwar il-Kompetittività Ewropea 2008

[SEC(2008)2853]

1. INTRODUZZJONI

L-UE qed tiffaċċja realtà internazzjonali li qed tinbidel. Bħalissa s-swieq finanzjarji qegħdin fi kriżi qawwija li bdiet tinfirex fl-ekonomija reali. Dawk li jfasslu l-politika madwar id-dinja qegħdin jaħdmu biex jerġgħu jġibu l-fiduċja fis-sistema finanzjarja. Fl-2008, ix-xiri volatili, il-prezzijiet tal-ikel u tal-enerġija u d-dgħufija tad-dollaru kontra l-euro influwenzaw l-iżviluppi ekonomiċi. Dawn l-iżviluppi jisħqu fuq il-bżonn għall-Ewropa li ttejjeb il-kapaċità tagħha li taddatta ruħha għal theżżiż barrani billi tiżviluppa ekonomija mibnija fuq l-għarfien u ssaħħaħ il-kompetittività permezz ta' impenn kontinwu lejn l-Istrateġija tat-Tkabbir u x-Xogħol. Il-kompetittività Ewropea hija ċ-ċentru tal-analiżi tar-rapport annwali tal-Kummissjoni dwar il-kompetittività. L-għan prinċipali tiegħu huwa t-tibdil riċenti fit-tkabbir tal-produttività tal-UE, li hija l-mutur ewlieni tal-kompetittività fuq il-medda twila ta' żmien. Minbarra dan, ir-Rapport dwar il-Kompetittività Ewropea 2008[1] janalizza fatturi differenti li jista' jkollhom impatt fuq il-produttività, bħall-ftuħ fil-kummerċ u l-IBD (Investiment Barrani Dirett) u r-responsabilità soċjali tal-intrapriża (Corporate Social Responsibility – CSR), kif ukoll il-proposta riċenti tal-UE għal politika industrijali sostenibbli. Ir-rapport ta' din is-sena jistudja fil-fond il-kompetittività tal-aktar settur importanti tal-ekonomija tagħna, l-intrapriżi żgħar u medji (IŻM).

Ir-Rapport dwar il-Kompetittività 2008 juri titjib kontinwu fl-ekonomija Ewropea fit-termini tal-produttività u tal-istandards tal-għixien meta mqabbla mal-Istati Uniti, għalkemm fl-2007 il-livelli tal-Prodott Gross Domestiku (PGD) għal kull ras kienu anqas minn dak tal-Istati Uniti b'madwar terz. Kemm fuq livell makro u fuq livell settorjali, il-fattur totali tal-produttività (total factor productivity, TFP) huwa sors importanti ta' differenza bejn l-Istati Uniti u l-UE. Numru ta' fatturi, bħall-innovazzjoni, ambjent istituzzjonali u ta' kummerċ aħjar, titjib fil-prattiċi amministrattivi, u l-aċċess għall-ICT jispjegaw il-kontribuzzjoni akbar tal-fattur totali tal-produttività fl-Istati Uniti meta mqabbla mal-pajjiżi tal-UE. Id-differenzi fil-produttività bejn il-pajjiżi tal-UE qed jonqsu, l-Istati Membri l-ġodda qed jaqbdu u ftit mill-aktar Stati Membri sinjuri qed jirnexxu aktar mill-Istati Uniti.

2. IR-RENDIMENT ĠENERALI TAL-KOMPETITTIVITÀ

It-tkabbir fl-ekonomija tal-UE kompla fl-2007

It-tkabbir fl-ekonomija tal-UE kompla fis-sod fl-2007, għalkemm kien hemm tnaqqis ċar fir-rata ta' tkabbir fir-raba' kwart (il-PGD reali tal-UE kiber bi 2,6 %). Din il-prestazzjoni ekonomika b'saħħitha kienet megħjuna minn rata għolja ta' tkabbir fl-impjiegi ta' madwar 1,7 %. It-tkabbir fil-produttività tax-xogħol, li huwa tipikament aktar ċikliku mit-tkabbir fl-impjiegi naqas bi ftit għal 1,3 % fl-2007 (minn 1,5 % fl-2006).

F'termini ta' livelli ta' dħul għal kull ras (jiġifieri PGD *per capita*) l-UE għadha lura meta mqabbla mal-Istati Uniti (UE-27=100, Stati Uniti=154.3). Ir-raġunijiet għal din il-qabża kontinwa jvarjaw madwar l-Istati Membri tal-UE, għalkemm hija parzjalment relatata mad-differenzi fis-siegħat ta' xogħol maħduma għal kull persuna. Għal xi Stati Membri (il-Belġju, Franza u l-Olanda) din il-qabża hija totalment relatata man-numru ta' siegħat ta' xogħol maħduma, għaliex il-produttività għal kull siegħa fil-verità tiżboq il-livelli tal-Istati Uniti.

[1] Ir-Rapport dwar il-Kompetittività Ewropea 2008 COM (2008)...

Għall-Istati Membri l-ġodda, PGD *per capita* aktar baxx huwa kawża ta' produttività ta' xogħol aktar baxxa.

Tabella 1: It-tkabbir tal-produttività tax-xogħol reali għal kull persuna impjegata u l-livelli tal-2007 tal-PGP għal kull persuna impjegata (per person employed (ppe)), tal-PGD għal kull siegħa xogħol (per hour worked (phw)), u tal-PGD *per capita* (pc)

	It-tkabbir annwali medju fil-produttività tax-xogħol għal kull persuna impjegata			PGD ppe 2007 (UE-27=100)	PGD phw 2007 (UE-25=100) (*)	PGD pc 2007 (UE-27=100)
	1996-2001	2001-2006	2007			
L-Awstrija	1.6	1.4	1.4	120.4	107.9	127.7
Il-Belġju	1.3	1.4	1.1	131.2	133.8	118.9
Il-Bulgarija	2.4	3.3	3.3	35.6	34.6	37.9
Ċipru	2.6	0.2	1.1	84.7	73.9	91.6
Ir-Repubblika Ċeka	2.0	4.1	4.6	73.1	59.7	81.0
Id-Danimarka	1.4	1.7	0.0	107.1	112.3	124.0
L-Estonja	8.5	6.9	6.6	67.5	54.2	71.4
Il-Finlandja	2.2	2.0	2.1	113.4	107.1	118.3
Franza	1.2	1.2	0.8	123.6	129.4	110.6
Il-Ġermanja	2.0	1.6	1.0	106.6	119.3	114.0
Il-Greċja	3.1	2.5	2.7	105.4	77.9	98.2
L-Ungerija	3.2	4.0	1.5	74.8	60.3	64.1
L-Irlanda	3.2	2.2	1.6	135.4	115.9	145.9
L-Italja	0.9	0.0	0.5	108.0	94.9	101.3
Il-Latvja	6.0	6.7	6.6	53.6	45.3	57.9
Il-Litwanja	7.2	5.9	6.7	60.2	51.5	59.8
Il-Lussemburgu	1.5	1.6	0.2	182.3	180.8	279.2
Malta	2.6	1.1	1.1	90.1	85.0	77.1
L-Olanda	1.4	1.6	1.1	113.1	130.4	131.2
Il-Polonja	5.5	3.6	1.9	61.4	49.7	54.4
Il-Portugall	1.8	0.6	1.7	68.4	62.2	73.6
Ir-Rumanija	0.9	6.9	4.7	40.5	N/A	40.2
Is-Slovakkja	3.8	5.0	8.1	76.6	69.1	68.3
Is-Slovenja	4.0	3.6	3.3	85.7	79.3	90.1
Spanja	0.2	0.5	0.8	102.5	99.6	104.1
L-Iżvezja	1.8	3.0	0.5	113.0	112.2	123.6
Ir-Renju Unit	1.9	1.6	2.3	110.8	107.4	117.8
UE-25	1.7	1.4	1.3	103.9	100.0	100.0
UE-27	1.7	1.4	1.3	100.0	N/A	N/A
L-Istati Uniti	1.8	2.1	1.0	142.0	128.4	154.3

Nota: Il-livelli relattivi tal-PGD għal kull persuna impjegata, għal kull siegħa xogħol u *per capita* kienu kkalkulati fuq il-bażi tal-istandards tas-saħħa tax-xiri.
(*) Id-dejta għar-Rumanija u għall-UE-27 mhijiex disponibbli (N/A), u n-numri tal-Istati Uniti jirreferu għall-2006.

Sors: AMECO (Il-bażi tad-dejta makro-ekonomika annwali tad-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji tal-Kummissjoni Ewropea), Ġunju 2008

Id-differenzi fil-produttività bejn il-pajjiżi tal-UE qed tonqos

Fl-2007 (kif ukoll fl-2006) it-tkabbir fil-produttività fl-UE-27 kien aħjar minn dak tal-Istati Uniti li huwa żvilupp pożittiv. Madankollu, il-livell ta' produttività tal-UE-27 huwa ħafna anqas minn dak fl-Istati Uniti għaliex persuna impjegata fl-Istati Uniti tikkontribwixxi 42 % aktar għall-PGD minn persuna ekwivalenti fl-UE; id-differenza fil-produttività għal kull siegħa maħduma hija anqas (28 % fl-2006; dejta għall-2007 għall-Istati Uniti għadha mhix disponibbli). Id-differenzi bejn il-pajjiżi tal-UE għadhom sostanzjali. Minn livelli baxxi ta' produttività fis-snin immedjatament wara t-tmiem tal-Komuniżmu, l-Istati Membri ġodda qegħdin jaqbdu għaliex qegħdin tipikament juru tkabbir aktar mgħaġġel fil-produttività tax-

xogħol. Aġevolati mis-sħubija fl-UE, l-Istati Membri l-ġodda jibbenefikaw mill-adozzjoni ta' teknoloġiji avvanzati u organizzazzjoni u amministrazzjoni aħjar.

Kaxxa: It-tkabbir u l-produttività – spjegazzjonijiet tal-kunċetti

It-tkabbir ekonomiku jista' jkun maqsum f'żieda fl-impjiegi u tkabbir fil-produttività tax-xogħol. Iż-żieda fl-impjiegi tista' tirriżulta minn żieda fil-popolazzjoni f'pajjiż ("il-parti demografika") jew minn prestazzjoni aħjar tas-suq tax-xogħol (inkluži r-rati ta' parteċipazzjoni, ir-rati ta' nies qiegħda u s-siegħat maħduma; din hija "il-parti tas-suq tax-xogħol").

Dħul akbar *per capita* mhux neċessarjamnet jikkorrispondi ma' livell aħjar ta' għixien. Dan għaliex dawn il-livelli akbar ta' dħul huma riżultat ta' użu aktar intensiv tax-xogħol (meta mqabbel ma' pajjiżi oħra), li jimplika li l-ammont ta' ħin liberu għal kull ħaddiem jonqos li għandu jitqies bħala telf fil-livell ta' għixien meta l-ħin liberu huwa stmat b'mod pożittiv. Għaldaqstant, il-produttività tax-xogħol għal kull siegħa maħduma hija indikatur dirett aktar effiċjenti mill-produttività tax-xogħol għal kull persuna impjegata, billi s-siegħat maħduma għal kull impjegat ivarjaw minn pajjiż għall-ieħor.

Indikatur tal-produttività kumplimentari huwa l-fattur totali tal-produttività. It-TFP jirreferi għall-fatturi li jgħaqqdu l-produzzjoni u l-kumbinazzjoni tal-inputs tal-produzzjoni. Fi kliem ieħor, it-tibdil fil-produzzjoni jista' jkun ikkawżat minn bidliet fil-fatturi li huma użati fil-produzzjoni (bħall-kapital jew ix-xogħol) iżda wkoll minħabba tibdiliet oħra. Dan tal-aħħar, ir-residwu li mhux spjegat, jirrifletti tibdil fit-TFP. Dan huwa parti mit-tkabbir fil-produttività ġġenerat minn fatturi intanġibbli bħall-progress tekniku jew l-innovazzjoni tal-organizzazzjoni minflok l-użu akbar ta' inputs, bħall-kapital. Fost il-politiki l-aktar rilevanti għat-tkabbir fit-TFP hemm dawk maħsuba biex ikattru l-progress teknoloġiku, il-bidliet fl-organizzazzjoni, il-mobilità tax-xogħol, iż-żieda fl-investiment fl-R&D, l-użu tal-ICT, il-kompetizzjoni u r-riformi fis-suq tal-prodotti. Dawn il-politiki huma kollha fil-qalba tal-pilastru mikro-ekonomiku tal-Istrateġija ta' Liżbona, b'mod li jissuġġerixxu li jistgħu jikkontribwixxu għat-tisħiħ tat-TFP.

It-tkabbir strutturali fil-produttività tax-xogħol fl-UE huwa anqas minn dak fl-Istati Uniti.

It-tkabbir annwali medju tal-UE-15 tal-PGD reali kien ta' madwar 0,8 % anqas mill-Istati Uniti fuq il-perjodu 1995-2006. Eżerċizzju tal-kontabilità tat-tkabbir makro-ekonomiku għal dan il-grupp jiżvela l-punti b'saħħithom u l-punti dgħajfa f'dak il-perjodu (ara l-Anness).

- **Is-saħħa tal-UE:** L-UE-15 kellha titjib relattiv meta mqabbel mal-Istati Uniti fil-qasam tal-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol. Barra minn hekk, l-edukazzjoni hekk kif fil-bidu tax-xogħol ukoll tjiebet aktar fl-UE-15[2].

- **Id-dgħufija tal-UE:** Ir-rata iżgħar ta' tkabbir fl-UE-15 kienet l-aktar minħabba **żviluppi demografiċi anqas favorevoli u tkabbir anqas fil-produttività tax-xogħol**, b'din tal-aħħar tkun l-aktar minħabba żviluppi foqra fil-fatturi totali tal-produttività u, sa ċertu punt, użu anqas fil-fond tal-kapital.

[2] Ir-riżultati għandhom ikunu interpretati b'kawtela, billi d-dejta ma hijiex totalment paragunabbli, u d-dejta dwar it-tqassim tal-impjiegi skont il-livell tal-edukazzjoni għall-Istati Uniti hija disponibbli biss mill-2001.

It-tkabbir bil-mod fil-produttività tax-xogħol u b'mod partikolari fil-fatturi totali tal-produttività jistgħu jkunu relatati mal-prestazzjoni aktar baxxa tal-innovazzjoni tal-UE, li hija mutur prinċipali fuq medda ta' żmien twila tal-produttività. Għalkemm miżuri tal-prestazzjoni tal-innovazzjoni juru li l-UE qed toqrob lejn l-Istati Uniti, ir-rata ta' din il-konverġenza jidher li tbaxxiet.

Il-varjazzjoni kbira bejn is-setturi fil-kontribuzzjoni tagħhom għat-tkabbir tal-produttività tax-xogħol tal-UE

Parti kbira mir-rata tat-tkabbir annwali fil-produttività tax-xogħol fl-ekonomija kollha matul il-perjodu 1995-2005 (1,6 %)[3] hija marbuta ma' numru relattivament żgħir ta' setturi. Meta jitwarrbu s-setturi mhux tas-suq, l-akbar sitt (minn 49) kontributuri, jiġifieri l-agrikoltura, il-kummerċ bl-imnut, il-kummerċ bl-ingrossa, il-posta u t-telekomunikazzjoni, it-trasport fuq l-art u l-intermedjazzjoni finanzjarja, jammontaw għal nofs it-tkabbir fil-produttività tax-xogħol matul il-perjodu. Dan huwa riżultat ta' rati ta' tkabbir fil-produttività akbar mill-medja flimkien ma' ishma mill-ekonomija relattivament kbar. Interessanti, li l-prestazzjoni tal-UE f'dawn is-setturi, meta mqabbla ma' dik tal-Istati Uniti, hija kumplessa għaliex f'nofshom (il-posta u t-telekomunikazzjoni, it-trasport bl-art u l-intermedjazzjoni finanzjarja) l-UE wriet produttività tax-xogħol akbar. Fl-istess ħin, l-Istati Uniti qed jirnexxu ħafna aħjar mill-UE fil-kummerċ bl-imnut.

3. IL-MUTURI TAL-KOMPETITTIVITÀ

3.1. Il-Ftuħ u l-kompetittività fil-kummerċ

Il-ftuħ fis-sens ta' kummerċ jew investiment barrani dirett (IBD) jibbenefika l-ekonomija - hemm ħafna evidenza empirika li ekonomiji miftuħa huma aktar sinjuri u aktar produttivi minn dawk magħluqa: studji makro-ekonomiċi jindikaw li tkabbir ta' punt perċentwali fis-sehem tal-kummerċ fil-PGD jirriżulta f'żieda fid-dħul li tvarja bejn 0,9 u 3 fil-mija. Minn perspettiva settorali, instab kollegament pożittiv u sinifikanti bejn il-livell ta' ftuħ fil-kummerċ (kemm ftuħ għall-esportazzjoni u penetrazzjoni tal-importazzjoni) u t-tkabbir fil-produttività tax-xogħol.

L-esportaturi huma aktar produttivi minn dawk li ma jesportawx

Intrapriżi li huma involuti fil-kummerċ huma b'mod sostanzjali produttivi aktar minn dawk li ma humiex. Evidenza bbażata fuq dejta mill-intrapriżi turi li "l-prezz tal-esportazzjoni" (jiġifieri prestazzjoni aħjar mill-esportaturi) ibbażat fuq il-produttività tax-xogħol fl-UE jvarja bejn 3 % u 10 %. Żewġ ipoteżi qegħdin ikunu wżati bħala spjegazzjoni għall-prezz tal-produttività għall-esportazzjoni: l-ipoteżi tal-awto-għażla skont liema l-aktar intrapriżi produttivi jagħżlu lilhom infushom fis-swieq tal-esportazzjoni; u l-aktar ipoteżi intuwittiva dwar it-tagħlim permezz tal-esportazzjoni skont liema l-intrapriżi jżidu l-produttività permezz tal-esportazzjoni. Dawn iż-żewġ ipoteżi ma jeskludux waħda lill-oħra u ħafna intrapriżi produttivi jistgħu jagħmlu awto-għażla fl-esportazzjoni, iżda wara li jkunu daħlu fis-swieq tal-esportazzjoni t-tkabbir fil-produttività jista' jirċievi aktar tisħiħ. L-evidenza empirika li

[3] Ir-rata ta' tkabbir fil-produttività (għal kull siegħa xogħol) għall-ekonomija kollha hija kkalkulata bħala l-medja mwieżna tar-rati ta' tkabbir settorjali, fejn il-piż ta' kull settur huwa s-sehem ta' dak is-settur fin-numru sħiħ ta' siegħat maħduma. Din tista' tkun differenti mir-rata ta' tkabbir rappurtata minn sorsi oħra. Is-sors ta' din id-dejta hija l-bażi ta' dejta EUKLEMS (www.euklems.net).

tappoġġja t-tkabbir fil-produttività f'livell ta' intrapriża permezz tat-tagħlim permezz tal-esportazzjoni hija, madankollu, aktar kumplessa mill-evidenza li turi li l-aktar intrapriżi produttivi jagħżlu lilhom infushom fl-esportazzjoni. Anki jekk l-esportazzjoni ma għandhiex effett ċar fuq il-produttività tal-intrapriża, għandha bla dubju impatt pożittiv fuq il-produttività totali. Riżultati simili jistgħu jinstabu għall-importaturi li huma aktar produttivi minn dawk li ma jimpurtawx u għall-intrapriżi li huma involuti f'investiment barrani dirett (IBD) li huma aktar produttivi kemm mill-esportaturi u mill-importaturi Minħabba t-titjib fil-produttività assoċjati mal-esportazzjonijiet, importazzjonijiet u attivitajiet ta' IBD, il-politiki li għandhom l-għan li jiftħu s-swieq barranin, kif ukoll li jiftħu s-swieq domestiċi huma ffukati b'mod tajjeb.

Ir-rwol kruċjali tas-suq intern

Għall-pajjiżi tal-UE s-suq intern kien ta' importanza kbira biex jiksbu l-benefiċċji fil-produttività mill-ftuħ. Riċerka riċenti li ffukat fuq il-kummerċ fl-UE kkonfermat ir-rwol importanti tas-suq intern għat-tkabbir fil-produttività: Huwa stmat li l-produttività medja tonqos bi 13 % jekk il-kummerċ bilaterali fl-UE jkun eliminat. Barra minn hekk, huwa wkoll stmat li l-produttività tista' tikber bi 2 % jekk il-prezzijiet tal-kummerċ fl-UE jkunu mnaqqsa b'5 % oħra. Dawn is-sejbiet jisħqu fuq l-importanza tas-Suq Intern, tal-munita komuni u tat-tneħħija tal-kontrolli mal-fruntieri għall-kummerċ fl-UE, u jisħqu fuq il-potenzjal ekonomiku għal aktar titjib fil-funzjoni tas-suq intern.

Suq intern żviluppat sewwa għandu rwol importanti għaliex jista' jwassal lill-Ewropa biex tkun minn quddiem li twaqqaf punti ta' referenza u li twassal għall-armonizzazzjoni tar-regoli dinjija. Fl-aħħar nett, billi t-tnaqqis fl-ispiża tal-kummerċ fl-imgħoddi kienet katalizzata minn spejjeż u tariffi orħos tat-trasport, l-enfażi fuq spejjeż tal-kummerċ anqas tanġibbli spiss relatati ma' xkiel mhux relatat mat-tariffi tista' tkun ta' benefiċċju għall-IŻM li jsofru b'mod partikolari minn dan it-tip ta' xkiel.

L-importanza ta' xkiel mhux relatat mat-tariffi

L-ispejjeż tal-kummerċ (diviżi fi spejjeż tat-trasport, spejjeż tal-fruntiera inklużi t-tariffi, spejjeż tal-munita u tal-informazzjoni, u spejjeż tal-bejgħ bl-imnut u d-distribuzzjoni tal-bejgħ bl-ingrossa) għall-pajjiżi żviluppati jistgħu jtellgħu sa 170 % *ad valorem* fl-ekwivalenti ta' taxxa. Madankollu, l-intrapriżi tal-UE jħossu li x-xkiel mhux relatat mat-tariffi u n-nuqqas ta' informazzjoni (pereżempju nuqqas ta' tagħrif dwar is-suq tal-esportazzjoni) huma aktar importanti mil-limitazzjonijiet tradizzjonali bbażati fuq il-politika bħat-tariffi tal-importazzjoni u d-dazji[4]. Barra minn hekk, l-intrapriżi tal-UE jħossu li l-politiki tas-suq intern huma ta' għajnuna kbira biex isir negozju barra minħabba l-munita komuni, proċeduri tad-dwana komuni fil-fruntieri esterni tal-UE u l-leġiżlazzjoni tas-Suq Intern li tinkludi standards tekniċi armonizzati[5].

Il-politika tal-UE dwar il-kompetittività esterna għandha għalhekk tnaqqas l-ispejjeż ta' wara l-fruntiera. L-ispejjeż tal-informazzjoni u x-xkiel mhux relatat mat-tariffi huma impediment kbir għall-kummerċ. **Il-politika li għandha l-għan li żżid l-integrazzjoni ma' pajjiżi terzi,**

---

4 Għalkemm dawn ir-riżultati japplikaw b'mod ġenerali għas-setturi kollha ta' attività kkunsidrati fl-analiżi, għal setturi u pajjiżi partikolari t-tariffi tal-importazzjoni għadhom xkiel kbir għall-intrapriżi Ewropej li jesportaw barra.

5 Ibbażata fuq stima bl-użu tal-istħarriġ "Osservatorju tal-IŻM Ewropej", Flash Eurobarometer Serje nru 196.

idealment b'implimentazzjoni ta' politika li għadha l-għan li telimina x-xkiel wara l-fruntiera għall-kummerċ ta' prodotti u servizzi u investiment barrani dirett u billi ttejjeb il-kooperazzjoni regolatorja internazzjonali hija f'lokha hawnhekk. Din il-politika tista' tgħin biex tnaqqas l-eternoġeneità tar-regolamenti, ix-xkiel mhux relatat mat-tariffi u tarmonizza l-proċeduri tad-dwana. Il-Kunsill Ekonomiku Transatlantiku u l-"ftehim ta' kummerċ liberu qawwi" reġjonali u bilaterali ma' xi pajjiżi Ażjatiċi jsegwu dan l-approċċ. L-UE għandha taħdem lejn protezzjoni tal-innovazzjoni effettiva b'mod partikolari ma' xi pajjiżi Ażjatiċi b'sistemi tal-protezzjoni tad-DPI (drittijiet dwar proprjetà intellettwali) foqra.

3.2. Il-prestazzjoni ekonomika u l-kompetittività: ir-rwol tat-tkabbir tal-IŻM

L-intraprenditorija u l-intrapriżi żgħar u medji (IŻM) qegħdin ikunu dejjem aktar rikonoxxuti bħala l-mutur ewlieni tal-prestazzjoni ekonomika tal-UE billi huma l-mutur tal-bidla strutturali, tal-innovazzjoni u tat-tkabbir fl-impjiegi. L-inkoraġġiment tal-potenzjal ta' tkabbir tal-IŻM huwa wieħed mill-għanijiet prinċipali tal-Att dwar l-Intrapriżi ż-Żgħar (AIŻ) li huwa element prinċipali fl-Istrateġija tal-UE tal-Impjiegi u t-Tkabbir[6].

L-effett tal-istruttura u d-dinamika tal-kummerċ fuq il-produttività u d-differenzi bejn l-UE u l-Istati Uniti

Permezz tal-użu ta' dejta settorali u pajjiż pajjiż jista' jkun ippruvat li filwaqt li l-preżenza tal-IŻM minnha nfisha mhijiex garanzija ta' produttività tax-xogħol qawwija jew tkabbir fil-valur miżjud, il-klima intraprenditorjali li ġġib magħha l-preżenza tal-IŻM tista' tikkontribwixxi biex tiġġenera d-dinamika tal-kummerċ u l-iżvilupp ta' intrapriżi b'espansjoni qawwija f'settur/pajjiż li huma pożittivament assoċjati mal-produttività tax-xogħol, impjiegi u tkabbir fil-valur miżjud.

F'livell ekonomiku sħiħ hemm evidenza li kemm id-dħul u l-ħruġ mis-suq jikkontribwixxu għat-tkabbir totali fil-produttività. It-tqabbil ta' dawn il-kontribuzzjonijiet min-naħa għall-oħra tal-Atlantiku jiżvela li l-kontribuzzjoni tad-dħul għall-produttività totali hija fil-medja kemxejn aktar fl-Ewropa iżda l-kontribuzzjoni tal-ħruġ hija ħafna anqas minn dik fl-Istati Uniti.

Tqabbil bejn l-UE u l-Istati Uniti jiżvela wkoll differenzi importanti fl-istruttura tal-kummerċ u d-dinamika tal-kummerċ. Id-differenzi prinċipali huma li (i) fl-Istati Uniti intrapriżi ġodda ta' suċċess jespandu aktar malajr meta mqabbla mal-UE; (ii) intrapriżi ġodda fuq is-suq jidħlu fis-suq b'daqs iżgħar fl-Istati Uniti u juru tixrid akbar tal-livelli ta' produttività milli fl-Ewropa; u (iii) fl-Istati Uniti l-aktar intrapriżi produttivi għandhom tendenza akbar li jkabbru s-sehem tagħhom fis-suq mill fl-UE wara ftit snin. Bħala riżultat l-intrapriżi Amerikani huma normalment akbar mill-intrapriżi Ewropej u d-distribuzzjoni tad-daqs tal-intrapriżi fl-Istati Uniti turi intrapriżi u sehem fl-impjiegi iżgħar b'mod sostanzjali fil-każ ta' mikro-intrapriżi (1-9 impjegati). Ir-rati ta' dħul u ħruġ mis-suq kif ukoll ir-rati ta' sopravivenza tal-intrapriżi huma paragunabbli madwar il-pajjiżi tal-UE u l-Istati Uniti għalkemm xi sorsi jissuġġerixxu li r-rati ta' dħul huma aktar simili mir-rati ta' ħrug mis-suq, li għandhom tendenza jkunu aktar baxxi fl-UE milli fl-Istati Uniti. Meħuda flimkien, dawn is-sejbiet jissuġġerixxu li l-ambjent tas-suq huwa aktar kompetittiv fl-Istati Uniti u jiffavorixxi esperimentazzjoni akbar tas-suq. Barra

---

6 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "L-Ewwel Aħseb fiż-Żgħir – Att għan-Negozji ż-Żgħar' għall-Ewropa" - COM(2008) 394

minn hekk, l-evidenza turi li meta mqabbel mal-Istati Uniti, ix-xkiel għat-tkabbir huwa l-akbar problema għan-negozji fl-UE.

L-intrapriżi li jespandu malajr jeżistu f'kull settur ekonomiku u f'kull pajjiż fl-UE

L-impjiegi f'intrapriżi ġodda huwa kruċjali għat-tkabbir fit-total tal-impjiegi u huwa talanqas tal-istess importanza tal-kontribuzzjoni netta għall-impjiegi maħluqa minn intrapriżi (b'espansjoni qawwija) li qed jikbru. Bil-kuntrarju għal dak li jemmnu ħafna, l-evidenza riċenti wriet li l-intrapriżi b'espansjoni qawwija jinstabu f'kull settur tal-attività ekonomika u f'kull pajjiż. **Dan jimplika li l-intrapriżi b'espansjoni qawwija ma humiex biss, jew prinċipalment, intrapriżi fit-teknoloġija avvanzata. Dawn juru biċ-ċar il-viġilanza intraprenditorjali tal-intrapriżi u l-abilità li jisfruttaw l-opportunitajiet fuq is-suq.** Madankollu, l-evidenza tenfasizza d-dgħufija relattiva tal-UE fis-setturi tat-teknoloġija avvanzata. Fl-Istati Uniti, ħafna aktar intrapriżi ġodda li jenfasizzaw fuq riċerka u żvilupp intensiv (b'mod ġenerali msejħa "intrapriżi bbażati fuq Teknoloġija Ġdida" jew NTBFs) kienu kapaċi jiżviluppaw, jikbru b'mod mgħaġġel u jsiru atturi prinċipali fl-ekonomija. Dan il-fenomenu jippermetti lill-ekonomija tal-Istati Uniti torjenta ruħha lejn setturi ġodda promettenti b'aktar flessibilità mill-UE.

Hemm evidenza li l-pajjiżi industrijalizzati eqreb għall-fruntiera teknoloġika jipprovdu inċentivi akbar għall-innovazzjoni intraprenditorjali, filwaqt li intrapriżi f'pajjiżi oħra tipikament jieħdu strateġija bbażata fuq l-investiment għat-tkabbir biex jirkupraw. Fl-UE-15, l-intrapriżi b'espansjoni qawwija huma karatterizzati minn innovazzjoni ogħla mill-medja filwaqt li fl-Istati Membri ġodda dak li jkun investit u li jirriżultat mill-innovazzjoni huwa eqreb lejn il-medja.

4. L-IMPATT TAL-POLITIKA IMPORTANTI TAL-UE FUQ IL-KOMPETITTIVITÀ

4.1. Politika Industrijali sostenibbli:

Biex l-Ewropa tibqa kompetittiva fl-ambjent internazzjonali li joffri dejjem aktar sfidi u biex jikbru l-għanijiet ambjentali billi jkunu kkontrollati l-emissjonijiet tad-dijossidu tal-karbonju, l-UE qed tippromwovi bidla lejn ekonomija b'emissjonijiet baxxi u użu effiċjenti tar-riżorsi. Sabiex jintlaħaq dan il-għan, il-Kummissjoni Ewropea pproponiet numru ta' miżuri madwar il-Komunità li jinkludu: it-tielet pakkett tas-Suq Intern tal-Enerġija u l-pakkett ta' azzjoni favur il-Klima u l-enerġija rinovabbli[7] f'Jannar 2008 li qegħdin bħalissa jkunu diskussi fil-Kunsill u fil-Parlament. L-ambizzjoni hija li jinkiseb tnaqqis sinifikanti fl-emissjonijiet tal-UE tal-gassijiet li jikkawżaw l-effett serra (skont is-sitwazzjoni internazzjonali, 20 % jew 30 % meta mqabbel mal-livelli tal-1990) u żieda fis-sehem tal-enerġija rinovabbli fil-konsum totali tal-enerġija tal-UE ta' 20 % sal-2020, mingħajr ma tkun kompromessa l-kompetittività tal-UE.

Il-bidla lejn ekonomija b'emissjonijiet baxxi tad-dijossidu tal-karbonju tirrappreżenta potenzjal reali fis-swieq li qed jikbru għall-prodotti "favur l-ambjent". Toħloq ukoll opportunitajiet għall-kompetittività ta' dan is-settur fuq is-swieq internazzjonali. L-industrija Ewopea diġà għamlet avvanzi sinifikanti fit-titjib tal-effiċjenza tal-enerġija u r-riżorsi tagħha

[7] COM(2008) 30 finali, COM(2008) 13 finali, COM(2008) 16 finali, COM(2008) 17 finali, COM(2008) 18 finali u COM(2008) 19 finali.

u qegħda fuq quddiem fl-industriji prinċipali[8]. Madankollu, hemm xkiel li għadu jxekkel l-penetrazzjoni fis-suq ta' dawn il-prodotti u teknoloġiji. Xkiel simili jirriżulta min-nuqqas ta' għarfien tal-konsumaturi dwar l-eżistenza ta' dawn il-prodotti jew bit-tnaffir mill-prezzijiet inizjali għoljin minkejja l-iffrankar sussegwenti fuq medda itwal ta' żmien.

L-evidenza turi li penetrazzjoni fis-suq aħjar ta' prodotti u teknoloġiji li huma effiċjenti fl-enerġija u fl-użu tar-riżorsi hija potenzjalment ta' benefiċċju kemm għall-ekonomija u kemm għall-ambjent. Biex ikun sfruttat dan il-potenzjal il-Kummissjoni riċentement adottat Pjan ta' Azzjoni dwar il-Konsum u l-Produzzjoni Sostenibbli u Politika Industrijali Sostenibbli li twaqqaf qafas armonizzat, integrat u dinamiku li jimmira li jtejjeb il-prestazzjoni enerġetika u ambjentali tal-prodotti[9]. Il-qafas jipproponi għanijiet biex titjieb il-prestazzjoni ambjentali ġenerali tal-prodotti matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, permezz tal-promozzjoni u l-istimolu għal domanda għal prodotti u tekonoloġiji aħjar u billi l-konsumaturi jkunu megħjuna jagħmlu għażliet aħjar permezz ta' tikkettjar koerenti u simplifikat. Dan kollu għandu jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-kompetittività tal-UE.

4.2. Ir-Responsabilità Soċjali tal-Intrapriżi

Meta kienet varata mill-ġdid l-Istrateġija ta' Liżbona fl-2005, il-Kummissjoni saħqet li r-responsabilità soċjali tal-intrapriżi (corporate social responsibility, CSR)[10] "tista' tagħti kontribut importanti għall-iżvilupp sostenibbli filwaqt li ttejjeb il-potenzjal innovattiv u l-kompetittività tal-Ewropa"[11]. L-importanza tas-CSR ma tistax tkun stmata aktar milli hi, għaliex jekk hemm lezzjoni x'wieħed jitgħallem mill-kriżi finanzjarja ta' bħalissa din hija li l-imprendituri u s-CEOs li huma soċjalment responsabbli huma importanti ħafna għall-benesseru tas-soċjetajiet tagħna.

Is-CSR għandha impatt pożittiv fuq il-kompetittività tal-intrapriżi

Ħarsa ġenerali lejn l-effetti tas-CSR fuq sitt indikaturi tal-kompetittività fuq il-livell ta' intrapriża - l-istruttura tal-ispejjeż, ir-riżorsi umani, il-perspettiva tal-konsumatur, l-innovazzjoni, l-amministrazzjoni tar-riskji u tar-reputazzjoni u l-prestazzjoni finanzjarja – turi li jista' jkollha impatt pożittiv fuq il-kompetittività. L-aktar evidenza tanġibbli ta' impatt pożittiv tas-CSR fuq il-kompetittività tidher li tinsab fil-każ tar-riżorsi umani, tal-amministrazzjoni tar-riskji u tar-reputazzjoni u fl-innovazzjoni. Ir-reputazzjoni ta' kumpanija f'termini tas-CSR issir aktar importanti għall-probabbilitajiet ta' suċċess fir-reklutaġġ ta' staff fis-swieq tax-xogħol kompetittivi ħafna.

L-evidenza ssostni li hemm relazzjoni pożittiva importanti bejn is-CSR u l-kompetittività permezz tal-amministrazzjoni tar-riżorsi umani, għalkemm għal xi kumpaniji n-nefqa addizzjonali tas-CSR tista' inizjalment tkun aktar mill-benefiċċji. Is-CSR hija parti essenzjali mill-amministrazzjoni tar-riskji u tar-reputazzjoni għal ħafna kumpaniji, u ssir aktar importanti hekk kif l-intrapriżi jkunu esposti għal skrutinji pubbliku akbar. Waqt li kienu qed iħabbtu wiċċhom ma' kwistjonijiet bħat-trasparenza, id-drittijiet tal-bniedem u r-rekwiziti tal-

---

8 L-enerġija mir-riħ, fejn il-kumpaniji tal-UE għandhom 60 % tas-suq dinji, hija eżempju ċar. L-enerġija mix-xemx hija eżempju ieħor.

9 COM(2008) 397.

10 Is-CSR hija kunċett fejn l-intrapriżi jindikaw l-integrazzjoni volontarja tat-tħassib soċjali u ambjentali fl-operat kummerċjali tagħhom u fl-interazzjonijiet tagħhom mal-partijiet interessati.

11 Komunikazzjoni mill-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa "Naħdmu flimkien għat-tkabbir u l-impjiegi. Bidu ġdid għall-Istrateġija ta' Liżbona" COM(2005) 24.

katina tal-provvista mill-perspettiva tal-amministrazzjoni tar-riskji. Xi kumpaniji ndunaw b'impatti pożittivi addizzjonali tas-CSR.

Ċerti aspetti tas-CSR, bħall-ħolqien ta' ambjent tax-xogħol tajjeb għall-ħaddiema, jistgħu jtejbu l-kapaċità innovattiva tal-intrapriża. Ir-relazzjoni pożittiva bejn is-CSR u l-innovazzjoni hija msaħħa mill-fatt li l-innovazzjoni hija dejjem aktar eżerċizzju ta' kollaborazzjoni, u mit-tendenza lejn il-ġenerazzjoni ta' valur kummerċjali ġdid mill-innovazzjonijiet li jindirizzaw il-problemi soċjali.

Ir-relazzjoni bejn is-CSR u l-kompetittività tidher li qed tissaħħaħ

Ħafna mill-fatturi li jaffettwaw it-tendenza favur is-CSR huma dinamiċi u qed jintensifikaw, bħall-aspettattivi tal-impjegati, l-għarfien tal-konsumaturi, it-tendenzi fix-xiri privat u pubbliku, in-natura tal-proċess tal-innovazzjoni, u l-importanza li s-swieq finanzjarji jagħtu lill-kwistjonijiet soċjali u ambjentali. L-interess tal-kummerċ fis-CSR qed jikber skont l-opportunitajiet għall-ħolqien ta' valur ġdid u mhux biss abbażi tal-protezzjoni tal-valur permezz tal-amministrazzjoni tar-riskji u tar-reputazzjoni.

Is-saħħa tat-tendenza favur is-CSR f''intrapriża għadha dipendenti fuq il-pożizzjoni kompetittiva tagħha. Għal xi kumpaniji, li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti soċjali u ambjentali tista' tiġġenera spejjeż li jxekklu l-kompetittività. Madankollu, għal numru dejjem akbar ta' intrapriżi f'numru dejjem jikber ta' industriji, is-CSR qed issir neċessità għall-kompetittività. Barra minn hekk, biex tkun ta' differenza fil-kompetittività, is-CSR trid tkun parti minn strateġija ta' kummerċ ċentrali. L-intrapriżi fejn is-CSR tibqa' biss suġġett periferiku, marbut l-aktar mal-funzjonijiet tar-relazzjonijiet pubbliċi, huma suxxettibbli li jitilfu opportunitajiet ta' gwadann fil-kompetittività.

5. L-IMPLIKAZZJONIJIET TAL-POLITIKA

Ir-Rapport dwar il-Kompetittività ta' din is-sena għandu implikazzjonijiet importanti għall-politika: politika ddisinjata u implimentata tajjeb f'xi setturi speċifiċi bħall-kummerċ, l-innovazzjoni u l-intraprenditorija jew l-enerġija jistgħu jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-kompetittività tal-ekonomija tal-UE.

L-analiżi tar-Rapport ta' din is-sena turi li l-prijoritajiet u r-rakkommandazzjonijiet tal-politika taċ-ċiklu 2008-2010 tal-Istrateġija tal-UE tal-Impjiegi u t-Tkabbir baqgħu rilevanti ħafna. L-UE trid issaħħaħ aktar l-innovazzjoni, l-użu tal-ICT u tal-kompetizzjoni fis-swieq tal-bejgħ bl-imnut u tal-prodotti. L-Att dwar in-Negozji Żgħar, jekk ikun implimentat fil-livelli kollha, itejjeb l-ambjent tan-negozji u jippromwovi l-intraprenditorija. Huwa jrabbi esperimentazzjoni intraprenditorjali u klima kummerċjali totali fl-UE.

Fir-rigward tad-dimensjoni esterna tal-kompetittività, il-politika tal-kummerċ għandu jkollha l-għan li tnaqqas l-ispejjeż ta' wara l-fruntieri, bħall-kooperazzjoni internazzjonali regolatorja u politika li timmira li tnaqqas ix-xkiel mhux relatati mat-tariffi u l-proċeduri tad-dwana. Dan jista' jkkontribwixxi għal rebħ sinifikanti fil-produttività għall-ekonomija tal-UE.

Azzjoni minn kmieni fis-settur tal-produzzjoni sostenibbli tista' twassal għall-vantaġġi relatati mal-fatt li tkun l-ewwel fuq is-suq u tista' potenzjalment iġġib benefiċċji sostanzjali kemm għall-ekonomija u kemm għall-ambjent. Il-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Konsum u l-Produzzjoni Sostenibbli u l-Politika dwar l-Industrija Sostenibli adottat riċentement huwa pass importanti lejn ekonomija kompetittiva b'emissjonijiet baxxi tad-dijossidu tal-karbonju.

Fl-aħħar nett, ir-Rapport dwar il-Kompetittività ta' din is-sena wera relazzjoni pożittiva bejn il-kompetittività u r-Responsabilità Soċjali tal-Intrapriża. Il-Kummissjoni se tkompli tipprovdi impetu politiku u appoġġ prattiku lill-partijiet kollha interessati li huma involuti fis-CSR.

Anness: Dettall tat-tkabbir tal-UE-15 meta mqabbel mal-Istati Uniti (1995-2006)



Sors : Mourre, G. (2008), “ ”, Manuskritt, Free University ta' Brussell.